32005R1890

19.11.2005 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 302/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1890/2005

ta' l-14 ta' Novembru 2005

jimponi dazju definittiv ta' *anti-dumping* u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' ċerti qfieli ta' l-azzar li ma jittebbax u partijiet tagħhom li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, l-Indoneżja, it-Tajwan, it-Tajlandja u l-Vjetnam u li jtemm il-proċediment fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti qfieli ta' l-azzar li ma jittebbax u partijiet tagħhom li joriġinaw fil-Malasja u l-Filippini

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet li jkunu l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi li m'humiex membri tal-Komunità Ewropea[1] ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 9,

Wara li kkunsidra l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

---

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 12).

Billi:

A. MIŻURI PROVIŻORJI

(1) Il-Kummissjoni, bis-saħħa tar-Regolament (KE) Nru 771/2005[1] ("ir-Regolament proviżorju") imponiet dazju proviżorju ta' *anti-dumping* fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti qfieli ta' l-azzar li ma jittebbax u partijiet tagħhom, li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7318 12 10, 7318 14 10, 7318 15 30, 7318 15 51, 7318 15 61 u 7318 15 70 li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("PRĊ"), l-Indoneżja, it-Tajwan, it-Tajlandja u l-Vjetnam.

(2) Jitfakkar li l-investigazzjoni tad-*dumping* u l-ħsara kopriet il-perijodu mill-1 ta' Lulju 2003 sat-30 ta' Ġunju 2004 ("IP"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-analiżi tal-ħsara kopra l-perijodu mill-1 ta' Jannar 2001 sat-30 Ġunju 2004 ("perijodu eżaminat").

B. PROĊEDURA SUSSEGWENTI

(3) Wara l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji ta' *anti-dumping*, ċerti partijiet interessati ppreżentaw kummenti bil-miktub.

(4) Dawk il-partijiet li talbu hekk ingħataw opportunità li jinstemgħu mill-Kummissjoni.

(5) Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha li dehrilha meħtieġa għas-sejbiet definittivi tagħha.

---

[1] ĠU L 128, 21.5.2005, p. 19.

(6) Il-partijiet ġew infurmati bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuqhom tfasslet ir-rakkomandazzjoni ta' l-impożizzjoni ta' dazju definittiv ta' *anti-dumping* u l-ġbir definittiv ta' ammonti żgurati bis-saħħa ta' dazju proviżorju. Ingħataw ukoll perijodu li fih kellhom jagħmlu sottomissjonijiet sussegwenti għal din il-pubblikazzjoni.

(7) Tqiesu l-kummenti verbali u bil-miktub u, fejn kien meqjus xieraq, ġew ikkunsidrati fis-sejbiet definittivi.

(8) Wara l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji, impurtatur wieħed u l-assoċjazzjoni tiegħu qajjem dubju dwar ir-rappreżentanza ta' l-industrija tal-Komunità, kif stabbilit fil-premessa (113) tar-Regolament proviżorju, fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. Madankollu, l-ebda evidenza ma ġiet prodotta biex tissostanzja din it-talba. L-investigazzjoni kkonfermat li l-industrija tal-Komunità kienet issarraf f'madwar 54% tal-produzzjoni tal-Komunità matul il-IP u għandha pożizzjoni (*standing*) fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku.

(9) Il-produttur Tajlandiż li jesportaw u li jikkooperaw sostnew waqt l-iżvelar li t-tweġibiet tal-kwestjonarju mhux kunfidenzjali tal-produttur tal-Komunità ma kinux iddettaljati biżżejjed u mhux reġistrati skond l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku. Kien allegat li nuqqas ta' informazzjoni fit-tweġibiet tal-kwestjonarju mhux kunfidenzjali ċaħħad lill-esportaturi li jikkooperaw opportunità effettiva biex jiddefendu l-interessi tagħhom, u allegatament dan in-nuqqas poġġiehom fi żvantaġġ meta mqabbla ma' partijiet oħra, jiġifieri l-industrija tal-Komunità, f'din il-proċedura. Madankollu, l-informazzjoni tal-ħsara kif stabbilita fis-Sezzjoni E tar-Regolament proviżorju tipprovdi lill-partijiet kollha interessati *data* vverifikata b'mod aggregat. B'hekk, huma kollha għandhom stampa preċiża biżżejjed tal-fatti fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-ħsara u l-kawżalità biex ikunu jistgħu jiddefendu l-interessi tagħhom. Il-partijiet kollha huma ttrattati bl-istess mod u m'hemm l-ebda żbilanċ bejn il-partijiet differenti interessati fir-rigward ta' l-iżvelar tal-fatti. Barra minn dan, it-tweġibiet tal-kwestjonarju mhux kunfidenzjali flimkien ma' l-informazzjoni li tinsab fir-Regolament proviżorju żguraw ir-rispett għad-drittijiet tad-difiża tal-partijiet kollha. Għalhekk ġie miċħud l-argument.

Ċ. PRODOTT RISPETTIV U PRODOTT SIMILI

(10) Jitfakkar li, waqt li kienet qed issir l-investigazzjoni proviżorja, qamu dubji dwar jekk skorfini setgħux jitqiesu bħala prodott wieħed flimkien ma' qfieli oħra ta' l-azzar li ma jittebbax u partijiet tagħhom ("SSF"). F'dan ir-rigward, kien hemm bżonn li numru ta' aspetti jiġu investigati aktar, e.ż. jekk u sa fejn boltijiet u skorfini jitqiegħdu fis-suq flimkien bħala sistema, sa fejn dawn it-tipi huma żviluppati flimkien eċċ. Kien hemm bżonn ta' aktar eżami dwar sa fejn il-produtturi fil-Komunità jistgħu joffru dawn is-sistemi. Għall-fini tas-sejbiet preliminari, għalhekk kien deċiż proviżorjament li ma jiddaħħlux skorfini li normalment huma ddikjarati taħt il-kodiċi NM 7318 16 30 fid-definizzjoni tal-prodott.

(11) Wara l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji, il-produtturi tal-Komunità kif ukoll importaturi, ippreżentaw evidenza li skorfini u boltijiet m'huma la żviluppati u lanqas manifatturati u mqiegħda fis-suq flimkien. Filwaqt li l-iskorfini huma tipikament użati flimkien mal-boltijiet, is-soltu ma jinbiegħux bħala sett. Barra minn dan, il-boltijiet jistgħu jintużaw bħala mezzi ta' rbit mingħajr skorfini, li juri li jista' jkun hemm użu aħħari differenti bejn boltijiet u skorfini. Dan joħroġ ċar mill-importazzjonijiet minn xi wħud minn dawk il-produtturi fil-pajjiżi rispettivi, li jimmanifatturaw u jbiegħu jew skorfini jew boltijiet, kif ukoll mill-fatt li l-manifatturi tal-Komunità meqjusa fil-kampjun jimmanifatturaw viti u boltijiet imma mhux skorfini. Partikolarment dan jidher fil-każ tal-Filippini, minn fejn kważi l-importazzjonijiet kollha kkonsistew fi skorfini mingħajr l-ebda importazzjonijiet korrispondenti ta' boltijiet. Barra minn dan, kif intqal hawn fuq, il-boltijiet m'humiex neċessarjament magħquda ma' skorfini u radanċi. Dan jidher ukoll mid-deskrizzjoni tal-kodiċi HS 7318 15: "viti oħra jew boltijiet sew jekk bl-iskorfini jew bir-radanċi tagħhom jew le". Barra minn dan, huwa rilevanti li jiġi nnutat li l-industrija tal-Komunità ma żżommx il-makkinarju meħtieġ biex tipproduċi skorfini u ma wriet l-ebda intenzjoni biex tipproduċi skorfini fil-futur.

(12) Għalhekk, huma kkonfermati s-sejbiet stabbiliti fil-premessa (13) tar-Regolament proviżorju biex jiġu eskluży skorfini, mhux impurtati bħala parti minn sett bil-viti u boltijiet tagħhom, mill-iskop tal-prodott. Konsegwentament, flimkien mal-konklużjonijiet dedotti fil-premessi (14) u (105) tar-Regolament proviżorju, il-proċediment għandu jintemm fir-rigward tal-Filippini.

(13) Wara l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji, il-produttur Tajlandiżi li jesportaw u li jikkooperaw allegaw li skorfini u boltijiet huma normalment irreklamati u mqiegħda fis-suq flimkien u, għalhekk, jekk l-iskorfini jkollhom jiġu eskluży mill-iskop tal-prodott, il-boltijiet għandhom jiġu eskluży mill-iskop tal-proċediment ukoll. Madankollu, ma ssostanzjawx din l-allegazzjoni. Konsegwentament, u fid-dawl tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (11) u (12) li l-iskorfini m'humiex mqiegħda fis-suq u żviluppati flimkien mal-boltijiet, inċaħdet it-talba ġiet miċħuda u ġew eskluży biss skorfini mill-iskop tal-proċediment.

(14) Barra minn dan, ħafna importaturi u l-assoċjazzjoni tagħhom tennew it-talba tagħhom biex tiġi limitata aktar l-investigazzjoni għal żewġ kodiċijiet NM, jiġifieri 7318 15 61 (viti ta' l-azzar li ma jittebbax b'ras sokit forma ta' eżagonu) u 7318 15 70 (boltijiet eżagonali ta' l-azzar li ma jittebbax). Għal dan il-għan, huma rreferew għall-allegat nuqqas ta' produzzjoni mill-industrija tal-Komunità tal-qfieli l-oħra kollha li huma suġġetti għal din l-investigazzjoni, jiġifieri SSF normalment iddikjarati taħt kodiċijiet NM 7318 12 10 (viti oħra ta' l-injam ta' l-azzar li ma jittebbax), 7318 14 10 (viti ta' l-azzar li ma jittebbax *self tapping*), 7318 15 30 (viti u boltijiet mingħajr irjus ta' l-azzar li ma jittebbax) u 7318 15 51 (viti li jidħlu f'xulxin (*slotted*) u mdaħħlin 'il ġewwa f'forma ta' salib (*cross-recessed*) ta' l-azzar li ma jittebbax). F'dan ir-rigward, huma ppreżentaw bħala evidenza xi ordnijiet li xi manifatturi tal-Komunità ma setgħux ifornu. Barra minn dan ġie ddikjarat li boltijiet u viti huma manifatturati fuq makni differenti.

(15) Għandu jitfakkar, kif imsemmi fil-premessa (15) tar-Regolament proviżorju, li l-investigazzjoni kkonfermat li tipi ta' SSF li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7318 12 10, 7318 14 10, 7318 15 30 u 7318 15 51 huma manifatturati fil-Komunità. Konsegwentament, il-manifatturi tal-Komunità fil-kampjun (i) għandhom il-makkinarju biex jipproduċu dawn it-tipi l-oħra ta' SSF; u (ii) jiffaċċjaw kompetizzjoni għal dawn it-tipi mill-prodott li hu l-oġġett ta' *dumping* rispettiv. L-informazzjoni fir-rigward ta' xi ordnijiet li ma setgħux jiġu fornuti mill-industrija tal-Komunità għandha x'taqsam ma' perijodu barra l-IP li, normalment, m'għandux jitqies skond l-Artikolu 6(1) tar-Regolament bażiku. F'kull każ, dan il-fatt ma jurix li dawn il-prodotti m'humiex manifatturati mill-industrija tal-Komunità. Barra minn dan, l-investigazzjoni stabbilixxiet li, fin-nuqqas ta' kompetizzjoni inġusta li hi l-oġġett ta' *dumping* mill-pajjiżi rispettivi, l-industrija tal-Komunità tista' żżid il-produzzjoni sabiex tissodisfa d-domanda għal dawn l-oġġetti. F'dan il-kuntest, għandu jitqies li l-industrija tal-Komunità għandha kapaċità żejda sinifikanti (ara t-tabella qabel il-premessa (127) tar-Regolament proviżorju). Konsegwentament, it-talba ta' l-importaturi ma setgħetx tiġi aċċettata.

(16) Il-produtturi Tajlandiżi li jesportaw u li kkooperaw talbu biex jiġi limitat l-iskop tal-prodott għall-kodiċijiet NM 7318 12 10 (viti oħra ta' l-injam ta' l-azzar li ma jittebbax), 7318 15 30 (viti u boltijiet mingħajr irjus ta' l-azzar li ma jittebbax) u 7318 15 61 (viti ta' l-azzar li ma jittebbax b'ras sokit forma ta' eżagonu). Għal dan il-għan, huma argumentaw li la l-boltijiet (kodiċi NM 7318 15 70), lanqas il-viti ta' l-azzar li ma jittebbax li huma *self-tapping*, li jidħlu f'xulxin (*slotted*) u mdaħħlin 'il ġewwa f'forma ta' salib (*cross-recessed*) (kodiċijiet NM 7318 14 10 u 7318 15 51) m'għandhom jitqiesu bħala kategorija waħda ta' prodotti flimkien mal-qfieli l-oħra fl-investigazzjoni minħabba l-allegati (i) karatteristiċi fiżiċi, natura u kwalità differenti ta' dawn il-qfieli, (ii) l-użu aħħari differenti, (iii) id-drawwiet u l-gosti ta' konsumaturi differenti u (iv) kodiċijiet NM differenti, li fil-fehma tagħhom juru li boltijiet u viti ma jikkostitwixxux kategorija waħda ta' prodotti.

(17) Fil-każ eżaminat, l-investigazzjoni wriet li t-tipi kollha ta' qfieli li kienu qed jiġu eżaminati għandhom, mill-perspettiva ta' l-utent, karatteristiċi bażiċi fiżiċi u tekniċi w użu simili, jiġifieri li huma pinnijiet tal-metall ta' l-azzar li ma jittebbax bil-kamin, użati biex igħaqqdu oġġetti, permezz ta' rotazzjoni tal-mezzi li jorbtu. B'hekk, dawn il-qfieli kollha jaqgħu taħt l-istess testatura b'erba' figuri tan-Nomenklatura Magħquda. Konsegwentament, għandha it-talba għandha tiġi miċħuda biex jiġi limitat aktar l-iskop tal-prodott.

(18) Billi ma ġew ippreżentati l-ebda kummenti oħra, qed jiġu hawnhekk ikkonfermati s-sejbiet fir-rigward tal-prodott rispettiv u l-prodott simili kif stabbilit fil-premessi (10) sa (18) tar-Regolament proviżorju.

D. TEĦID TA' KAMPJUNI

(19) Ma ġew ippreżentati l-ebda kummenti fir-rigward tat-teħid tal-kampjuni ta' produtturi li jesportaw fit-Tajwan, ta' produtturi tal-Komunità w importaturi wara l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji. Qed jiġu hawnhekk ikkonfermati s-sejbiet stabbiliti fil-premessi (19) sa (32) tar-Regolament proviżorju.

E. *DUMPING*

1. Trattament ta' ekonomija tas-suq ("MET")

(20) Ma ġew ippreżentati l-ebda kummenti ġodda dwar it-MET wara l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji. Qed jiġu hawnhekk ikkonfermati s-sejbiet stabbiliti fil-premessi (33) sa (54) tar-Regolament proviżorju.

2. Trattament individwali ("IT")

(21) Produttur wieħed li jesporta u li jikkoopera fil-Vjetnam esprima d-diżappunt tiegħu għaċ-ċaħda tat-talba tiegħu għat-IT, minkejja l-kooperazzjoni tiegħu ma' l-investigazzjoni. Huwa qal ukoll li ċ-ċaħda tat-talba tiegħu għat-IT, kif ukoll dawk ta' żewġ esportaturi oħra Vjetnamiżi, wasslet għall-impożizzjoni ta' l-istess dazju proviżorju ta' *anti-dumping* fuq l-importazzjonijiet mill-produtturi kollha li jesportaw fil-Vjetnam.

Kif stabbilit fil-premessa (60) tar-Regolament proviżorju, il-kumpannija rispettiva ma kinitx kapaċi turi li hija tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' l-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku biex tingħata t-IT. Barra minn dan, ma ġew ippreżentati l-ebda argument jew evidenza li setgħu ibiddlu din is-sejba u, għalhekk, l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku kellu japplika għall-Vjetnam, fl-intier tiegħu. Dan ifisser li l-istess miżura tapplika għall-produtturi kollha fil-Vjetnam li jesportaw.

(22) Fin-nuqqas ta' kull kumment ieħor, qed jiġu hawnhekk ikkonfermati s-sejbiet stabbiliti fil-premessi (55) sa (61) tar-Regolament proviżorju dwar it-trattament individwali.

3. Valur normali

3.1. Pajjiż analogu

(23) It-Tajwan kien intagħżel proviżorjament bħala l-pajjiż terz ta' l-ekonomija tas-suq analoga għall-iskop li jiġi stabbilit valur normali għal produtturi li jesportaw u li ma ngħatawx MET. Wara l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji, l-ebda persuna ma qajmet kummenti dwar id-determinazzjoni tal-valur normali fil-pajjiż analogu. B'hekk, qed jiġu hawnhekk ikkonfermati s-sejbiet stabbiliti fil-premessi (62) sa (64) tar-Regolament proviżorju.

3.2. Metodoloġija applikata għad-determinazzjoni tal-valur normali

(24) Erba' produtturi Tajlandiżi li jesportaw argumentaw li l-ispejjeż tal-bejgħ, u dawk ġenerali w amministrattivi ("SG&A") u l-profitt realizzat minn bejgħ domestiku f'pajjiż ieħor, f'dan il-każ it-Tajwan, ma jistgħux jintużaw biex wieħed jasal għall-valur normali tagħhom. Madankollu, kif stabbilit fil-premessa (80) tar-Regolament proviżorju, dawn il-produtturi li jesportaw ma kellhom l-ebda bejgħ rappreżentattiv tal-prodott simili, jew prodotti oħra fl-istess kategorija ġenerali, fil-kummerċ normali tas-soltu. Għalhekk, kien meħtieġ li wieħed joqgħod fuq metodu ieħor raġonevoli għall-kalkolu ta' l-ispejjeż SG&A u l-profitt kif imsemmi fl-Artikolu 2(6)(ċ) tar-Regolament bażiku. F'dan ir-rigward, l-użu ta' spejjeż mit-Tajwan ta' SG&A u l-profitt intqies bħala l-aktar metodu raġonevoli minħabba (i) is-suq domestiku rappreżentattiv, f'termini ta' volumi u kompetizzjoni f'termini ta' prezzijiet, għall-prodott simili fit-Tajwan; u (ii) il-fatt li l-industrija tal-SSF tat-Tajwan tikkontrolla l-maġġoranza tal-manifatturi tal-SSF fil-pajjiżi kollha investigati, inklużi xi wħud fit-Tajlandja (ara l-premessa (71) tar-Regolament proviżorju). Ma ngħatat l-ebda informazzjoni biex turi li l-profitt użat b'dan il-mod jeċċedi l-profitt normalment realizzat minn esportaturi jew manifatturi oħra mill-bejgħ ta' prodotti ta' l-istess kategorija ġenerali fit-Tajlandja.

(25) Ma tqajmu l-ebda kummenti oħra dwar il-metodoloġija applikata għad-determinazzjoni tal-valur normali u b'hekk qed tiġi hawnhekk ikkonfermata l-metodoloġija stabbilita fil-premessi (65) sa (72) tar-Regolament proviżorju.

3.3. Determinazzjoni tal-valur normali

a) Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina

(26) Fin-nuqqas ta' kummenti, qed jiġu hawnhekk ikkonfermati s-sejbiet imsemmija fil-premessa (73) tar-Regolament proviżorju.

b) L-Indoneżja

(27) Fin-nuqqas ta' kummenti, qed jiġu hawnhekk ikkonfermati s-sejbiet imsemmija fil-premessa (74) tar-Regolament proviżorju.

ċ) Il-Malasja

(28) Fin-nuqqas ta' kummenti, qed jiġu hawnhekk ikkonfermati s-sejbiet imsemmija fil-premessa (76) tar-Regolament proviżorju.

d) It-Tajwan

(29) Manifattur wieħed mit-Tajwan li jesporta oġġezzjona għall-metodoloġija wżata biex tiddetermina l-valur normali kif stabbilit fil-premessa (79) tar-Regolament proviżorju. Il-kumpannija ddikjarat li hija ma kklassifikatx it-tipi differenti tal-prodott rispettiv skond l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija mill-Kummissjoni billi xi wħud minn dawn il-qfieli kienu qfieli ta' speċjalità. Huwa ddikjara wkoll li l-kumpannija wriet, matul il-verifika fuq il-post, permezz ta' tpinġijiet, kampjuni u dokumentazzjoni tal-bejgħ, il-karatteristiċi uniċi tal-prodott tal-qfieli ta' speċjalità tagħha esportati lill-Komunità.

(30) Fil-fatt, l-evidenza miġbura matul iż-żjara ta' verifika indikat li dawn il-prodotti ma jaqgħux taħt il-kodiċijiet NM eżaminati. F'dawn iċ-ċirkustanzi, intqies xieraq li l-esportazzjonijiet ta' dawn il-prodotti ma jitqisux għall-finijiet ta' din l-investigazzjoni. Is-sejbiet għal din il-kumpannija, inklużi dawk dwar il-valur normali kif stabbilit fil-premessa (79) tar-Regolament proviżorju, huma bbażati fuq il-kumplament ta' l-esportazzjonijiet tagħha li waqgħu fid-deskrizzjoni tal-prodott rispettiv.

(31) Għall-valur normali tal-kumplament ta' l-esportazzjonijiet tagħha, il-kumpannija ssuġġeriet xi aġġustamenti għall-ispiża tal-produzzjoni wżata għad-determinazzjoni proviżorja tal-valur normali tagħha (ara l-premessa (79) tar-Regolament proviżorju).

(32) Madankollu, dawn l-aġġustamenti kienu bbażati fuq *data* li ma ġiet ippreżentata mar-risposta għall-kwestjonarju jew matul iż-żjara ta' verifika u b'hekk, ma kinitx verifikabbli. Barra minn dan, dawn l-aġġustamenti ma kienu ssostanzjati bl-ebda informazzjoni dokumentata disponibbli. Konsegwentament, din it-talba dwar l-ispiża tal-produzzjoni għandha tiġi miċħuda.

(33) Produttur ieħor mit-Tajwan li jesporta ddikjara li kien hemm ċertu għadd doppju fl-ispiża tal-produzzjoni u l-ispejjeż ta' SG&A wżati għad-determinazzjoni tal-valur normali. Huwa argumenta li l-proporzjon ta' l-ispejjeż ta' SG&A ippreżentat fit-tabella tal-Profitt u t-Telf tat-tweġiba tiegħu għall-kwestjonarju ma kienx dak korrett u li għandu jintuża minflok il-proporzjon ta' l-ispejjeż ta' SG&A ippreżentat matul iż-żjara ta' verifika.

(34) F'dan ir-rigward, għandu jkun innutat li l-kumpannija m'għamlet l-ebda korrezzjoni fit-tabella tagħha tal-Profitt u t-Telf qabel iż-żjara ta' verifika. Il-kumpannija ppreżentat tabella riveduta b'mod sinifikanti għall-ispejjeż ta' SG&A fl-aħħarnett ta' l-istadju tal-verifika, meta kien tard wisq biex tiġi vverifikata. Konsegwentament, u billi l-ispejjeż riveduti ta' SG&A ma kinux jirreferu għal informazzjoni oħra verifikata u ddokumentata disponibbli, it-talba ġiet miċħuda u d-*data* dedotta mit-tabella tal-Profitt u t-Telf ippreżentata fit-tweġiba għall-kwestjonarju ntużat fil-kalkolu tad-*dumping*, flimkien mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6(8) tar-Regolament bażiku.

(35) L-istess manifattur mit-Tajwan li jesporta rrimarka li materjali ruttam għandhom jitnaqqsu mill-ispiża tal-materja prima. Il-kumpannija rrimarkat li billi r-ruttam huwa akkwistat mill-proċess tal-produzzjoni, id-dħul mill-bejgħ tiegħu għandu jitħalla jpaċi l-ispiża tal-produzzjoni. Madankollu, hija ma rrappurtatx l-ammont ta' dak id-dħul. F'kull każ, kull dħul minn prodotti oħra jew prodotti sekondarji m'huwiex relevanti għall-kalkolu ta' l-ispiża tal-produzzjoni tal-prodott simili, billi storikament m'hijiex il-prattika utilizzata mill-kumpannija fl-allokazzjoni ta' l-ispejjeż. Għalhekk, it-talba tal-kumpannija għandha tiġi miċħuda u s-sejbiet proviżorji kkonfermati.

(36) Ma ġew ippreżentati l-ebda kummenti oħra u, għalhekk, qed jiġu hawnhekk ikkonfermati s-sejbiet stabbiliti fil-premessi (77) sa (79) tar-Regolament proviżorju.

e) It-Tajlandja

(37) Manifattur wieħed Tajlandiż li jesporta u li għandu xi bejgħ fil-livell domestiku għamel diversi talbiet fir-rigward tal-kalkolu ta' l-ispiża tal-produzzjoni u l-ispejjeż ta' SG&A użati għad-determinazzjoni tal-valur normali tiegħu. Barra minn dan, qal li jekk it-talbiet ikunu aċċettati, il-bejgħ domestiku tiegħu waqt il-kummerċ normali tas-soltu jkun rappreżentattiv u jkun jista' jintuża biex jiġi ddeterminat il-valur normali fit-Tajlandja.

(38) Għandu jkun innutat li din il-kumpannija ppreżentat diversi verżjonijiet riveduti tat-tweġiba tagħha għall-kwestjonarju waqt iż-żjara ta' verifika sal-punt li fixklet b'mod sinifikanti l-investigazzjoni, billi ma kienx possibbli li xi waħda mill-verżjonijiet differenti tiġi rikonċiljata mal-kontijiet tagħha. Madankollu, din l-informazzjoni kollha ġiet eżaminata kemm jista' jkun possibli f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6(8) tar-Regolament bażiku. Huwa nnutat li l-ispiża tal-produzzjoni, kif irrappurtata mill-kumpannija għal numru kbir ta' tipi ta' prodotti, kienet żvalutata b'mod sinifikanti, partikolarment l-ispiża tal-materja prima, u għalhelkk ġiet ikkorreġuta għall-kalkoli proviżorji tad-*dumping*. Billi l-kumpannija ma pprovdiet l-ebda informazzjoni ssostanzjata fir-rigward ta' l-ispiża tal-produzzjoni tagħha li tkun teħtieġ bidla fil-kalkoli tad-*dumping*, għandha tiġi miċħuda it-talba tagħha fir-rigward tal-kalkolu ta' l-ispiża tal-produzzjoni.

(39) Dan il-manifattur li jesporta rrimarka li d-dħul mill-bejgħ tar-ruttam għandu jitnaqqas mill-ispiża tal-materja prima fl-ispiża tal-produzzjoni tal-prodott simili. Madankollu, l-ebda dħul mill-bejgħ tar-ruttam ma ġie rrappurtat fit-Tabella tal-Profitt u t-Telf tal-kumpannija. F'kull każ, kull dħul minn prodotti oħra jew prodotti sekondarji m'huwiex relevanti għall-kalkolu ta' l-ispiża tal-produzzjoni tal-prodott simili, billi storikament m'hijiex il-prattika utilizzata mill-kumpannija fl-allokazzjoni ta' l-ispejjeż.

(40) Fir-rigward tat-talba tal-produttur li jesporta biex juża livell differenti ta' spejjeż ta' SG&A, ġie stabbilit li, anke jekk it-talba tkun aċċettata, ma twassalx għal sitwazzjoni fejn il-bejgħ domestiku tal-kumpannija seta' intuża bħala bażi biex jistabbilixxi l-valur normali, billi xorta ma jkunx sar waqt il-kummerċ normali tas-soltu.

(41) Konsegwentament, għandhom jiġu miċħuda dawn it-talbiet fir-rigward tar-ruttam u ta' l-ispejjeż ta' SG&A u qed jiġu hawnhekk ikkonfermati s-sejbiet stabbiliti fil-premessa (80) tar-Regolament proviżorju.

f) Il-Vjetnam

(42) Fin-nuqqas ta' kummenti, qed jiġu hawnhekk ikkonfermati s-sejbiet stabbiliti fil-premessa (81) tar-Regolament proviżorju.

4. Prezz ta' l-esportazzjoni

(43) Fin-nuqqas ta' kummenti, qed jiġu hawnhekk ikkonfermati s-sejbiet stabbiliti fil-premessi (82) sa (91) tar-Regolament proviżorju dwar l-istabbilment tal-prezz ta' l-esportazzjoni skond l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku għall-pajjiżi kollha rispettivi.

5. Paragun

(44) Fin-nuqqas ta' kummenti, qed jiġu hawnhekk ikkonfermati l-metodoloġija u s-sejbiet stabbiliti fil-premessi (92) u (93) tar-Regolament proviżorju dwar il-paragun bejn il-valur normali u l-prezz ta' l-esportazzjoni.

6. Marġni tad-*dumping*

6.1. Metodoloġija ġenerali

(45) Fin-nuqqas ta' kummenti dwar id-determinazzjoni tal-marġni tad-*dumping*, qed tiġi hawnhekk ikkonfermata l-metodoloġija stabbilita fil-premessi (94) sa (100) tar-Regolament proviżorju.

6.2. Marġni tad-dumping

a) Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina

(46) Fin-nuqqas ta' kummenti, il-marġni definittivi tad-*dumping*, imfissra bħala perċentwali tal-prezz ta' l-importazzjoni CIF fil-fruntiera tal-Komunità, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġejjin:

– Tengzhou Tengda Stainless Steel Product Co., Ltd, Tengzhou City 21,5%

– Tong Ming Enterprise (Jiaxing) Co. Ltd., Zhejiang 12,2%

– Il-kumpanniji l-oħra kollha 27,4%.

b) L-Indoneżja

(47) Fin-nuqqas ta' kummenti, il-marġni definittivi tad-*dumping*, imfissra bħala perċentwali tal-prezz ta' l-importazzjoni CIF fil-fruntiera tal-Komunità, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġejjin:

– PT. Shye Chang Batam Indonesia, Batam 9,8 %

– Il-kumpanniji l-oħra kollha 24,6%.

ċ) Il-Malasja

(48) Fin-nuqqas ta' kummenti dwar il-kalkolu tal-marġni proviżorju tad-*dumping* għaż-żewġ manifatturi li jesportaw u li jikkooperaw fil-Malasja, qed jiġu hawnhekk ikkonfermati s-sejbiet kif stabbiliti fil-premessa (104) tar-Regolament proviżorju. Konsegwentement, billi nstab li ma sar l-ebda *dumping* minn xi manifattur Malasjan li jesporta, għandu jintemm il-proċediment fir-rigward ta' l-importazzjonijiet tal-prodott rispettiv mill-Malasja.

d) Il-Filippini

(49) Fin-nuqqas ta' kummenti dwar is-sitwazzjoni dwar il-Filippini, ma ġie stabbilit l-ebda marġni tad-*dumping*. Konsegwentament, kif intqal hawn fuq fil-premessa (12), għandu jintemm il-proċediment fir-rigward ta' l-importazzjonijiet tal-prodott rispettiv mill-Filippini.

e) It-Tajwan

(50) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra dwar il-kalkolu tal-marġni proviżorji tad-*dumping* għat-Tajwan, kif stabbilit fil-premessi (106) sa (108) tar-Regolament proviżorju, il-marġins definittivi tad-*dumping*, imfissra bħala perċentwali tal-prezz ta' l-importazzjoni CIF fil-fruntiera tal-Komunità, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġejjin:

– Arrow Fasteners Co. Ltd., Taipei	15,2%
– Jin Shing Stainless Ind. Co. Ltd, Tao Yuan	18,8%
– Min Hwei Enterprise Co. Ltd, Pingtung	16,1%
– Tong Hwei Enterprise, Co. Ltd., Kaohsiung	16,1%
– Yi Tai Shen Co. Ltd., Tainan	11,4%
– Il-manifatturi li jesportaw u li jikkooperaw mhux inklużi fil-kampjun	15,8%
– Il-kumpanniji l-oħra kollha	23,6%.

f) It-Tajlandja

(51) Produttur wieħed Tajlandiż li jesporta għamel talbiet dwar il-kalkolu tal-marġni tad-*dumping* individwali tiegħu sa fejn kellhom x'jaqsmu l-klassifikazzjonijiet ta' tipi ta' prodotti, il-kwantitajiet ta' produzzjoni u l-użu ta' gradi varji ta' azzar li ma jittebbax.

(52) It-talbiet ġew eżaminati skond l-informazzjoni vverifikata u saru ċerti korrezzjonijiet xierqa li jwasslu għad-determinazzjoni ta' marġni tad-*dumping* individwali rrevedut għal dan il-produttur li jesporta. Billi l-bażi biex jiġi stabbilit il-marġni tad-*dumping* għal kull esportatur Tajlandiż li ma jikkooperax kien il-livell ta' l-ogħla marġni tad-*dumping* li nstab għal esportatur Tajlandiż li jikkoopera, għaldaqstant ġie rivedut il-marġni tad-*dumping* residwu.

(53) Konsegwentament, il-marġni definittivi tad-*dumping*, imfissra bħala perċentwali tal-prezz ta' l-importazzjoni CIF fil-fruntiera tal-Komunità, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġejjin:

– A.B.P. Stainless Fasteners Co. Ltd, Ayutthaya 11,1%

– Bunyat Industries 1998 Co. Ltd, Samutsakorn 10,8%

– Dura Fasteners Company Ltd, Samutprakarn 14,6%

– Siam Screws (1994) Co. Ltd, Samutsakorn 11,0%

– Il-kumpanniji l-oħra kollha 14,6%.

ġ) Il-Vjetnam

(54) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra dwar il-kalkolu tal-marġni proviżorju tad-*dumping* għall-Vjetnam, kif stabbilit fil-premessa (110) tar-Regolament proviżorju, il-marġin definittiv tad-*dumping* għall-kumpanniji kollha fil-Vjetnam, imfisser bħala perċentwali tal-prezz ta' l-importazzjoni CIF fil-fruntiera tal-Komunità, bla dazju imħallas, qed jiġi kkonfermat bħala 7,7%.

F. ĦSARA

1. Il-produzzjoni tal-Komunità u l-industrija tal-Komunità

(55) Il-manifatturi Tajlandiżi li jesportaw u li jikkooperaw ikkontestaw il-metodoloġija ta' l-analiżi stabbilita fil-premessa (114) tar-Regolament proviżorju, jiġifieri li xi *data* ġiet stabbilita għall-produtturi tal-Komunità fil-kampjun biss (prezzijiet ta' l-operazzjoni, investiment u dħul mill-investiment, pagi, qligħ, fluss tal-flus kontanti u l-kapaċità li tkabbar il-kapital), filwaqt li l-indikaturi oħra (sehem tas-suq, produzzjoni, kapaċità w utilizzazzjoni tal-kapaċità, volum tal-bejgħ u valur, tkabbir, ħażniet, impjieg u produttività) addizzjonalment inkludew *data* ta' manifattur ieħor tal-Komunità, li jikkostitwixxi flimkien mal-manifatturi fil-kampjun, l-industrija tal-Komunità. Huma argumentaw li dan il-metodu (i) m'huwiex oġġettiv fit-tifsira ta' l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku u li (ii) l-Artikolu 17(4) tar-Regolament bażiku allegatament ma jippermettix dan il-metodu.

(56) Hija prattika normali f'proċedimenti ta' *anti-dumping* li tanalizza l-fatturi tal-ħsara għall-industrija sħiħa tal-Komunità. Madankollu, f'każijiet fejn l-industrija tikkonsisti f'numru kbir ta' manifatturi, wieħed jirrikorri għat-teħid tal-kampjuni. L-iskop tat-teħid tal-kampjuni huwa li jipprovdi li *data* ddettaljata tista' tinġabar u tiġi vverifikata minn numru limitat ta' produtturi fiż-żmien disponibbli. Din id-*data* tirrigwarda fatturi bħal prezzijiet, pagi, investimenti, profitt, dħul mill-investiment, fluss tal-flus kontanti u l-kapaċità li tkabbar il-kapital, fejn ma jkunx prattiku li wieħed jivverifika d-*data* għall-industrija sħiħa fiż-żmien disponibbli. Għal fatturi oħra, bħal sehem tas-suq, volum tal-bejgħ u produzzjoni, is-soltu d-*data* tkun disponibbli għall-industrija sħiħa. Li wieħed jibbaża l-analiżi tal-ħsara sempliċiment fuq *data* mill-manifatturi fil-kampjun ikun qed jinjora *data* li tista' tintuża minn produtturi oħra, b'hekk iwassal għal valutazzjoni mhux kompluta. Għalhekk, fl-interessi li wieħed ikollu valutazzjoni kompluta kemm jista' jkun possibbli fiż-żmien disponibbli f'dan il-każ, id-*data* riċevuta u vverifikata għal xejriet fil-fatturi kollha tal-ħsara mill-manifatturi fil-kampjun, kienet ikkumplimentata b'informazzjoni dwar l-industrija sħiħa.

(57) Ma ġie ppreżentat l-ebda kumment ieħor dwar il-produzzjoni tal-Komunità u d-definizzjoni ta' l-industrija tal-Komunità u, għalhekk, qed jiġu hawnhekk ikkonfermati s-sejbiet stabbiliti fil-premessi (111) sa (114) tar-Regolament proviżorju.

2. Konsum tal-Komunità, importazzjonijiet u l-valutazzjoni kumulattiva tagħhom.

(58) Il-manifatturi Tajlandiżi li jesportaw u li jikkooperaw iddikjaraw li l-importazzjonijiet Tajlandiżi ma misshomx ġew ivvalutati b'mod kumulattiv ma' importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' *dumping* ta' SSF li joriġinaw fir-PRĊ, l-Indoneżja, it-Tajwan u l-Vjetnam, minħabba l-allegat nuqqas ta' kompetizzjoni ma' importazzjonijiet mill-pajjiżi msemmija l-aħħar f'termini ta' volumi, prezzijiet medji u sehem tas-suq. Huma rrimarkaw li fl-2002, il-volum u s-sehem tas-suq ta' importazzjonijiet Tajlandiżi waqgħu b'29% u 35% rispettivament, fejn sa minn kmieni ta' l-2002 tista' tiġi osservata żieda fir-rigward tal-pajjiżi l-oħra rispettivi. Barra minn dan, huma nnutaw li sa mill-2003, il-medja tal-prezzijiet Tajlandiżi ta' l-importazzjoni żdiedet bi 2%.

(59) Għandu jitfakkar li l-marġni tad-*dumping* stabbiliti fir-rigward ta' l-importazzjonijiet minn kull pajjiż rispettiv huma aktar mid-*de minimis* kif stabbilit fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament bażiku, jiġifieri 2%, u l-volum ta' l-importazzjonijiet minn kull pajjiż rispettiv huwa 'il fuq mil-linja massima ta' 1% tas-sehem tas-suq stabbilit bl-Artikolu 5(7) tar-Regolament bażiku. Barra minn dan, huwa rilevanti li jiġi nnutat li l-analiżi m'għandhiex tiffoka fuq l-2002 waħedha, imma fuq l-istampa globali matul il-perijodu eżaminat, jiġifieri mill-2001 sal-IP. Globalment, il-volum u s-sehem tas-suq ta' importazzjonijiet Tajlandiżi fil-fatt żdiedu b'mod sinifikanti filwaqt li l-prezzijiet tagħhom waqgħu b'mod konsiderevoli. Konsegwentament, fuq kollox, il-mudell ta' l-importazzjonijiet Tajlandiżi huwa konformi max-xejriet stabbiliti għall-pajjiżi kollha rispettivi. Barra minn dan, jitfakkar li SSF impurtati mill-pajjiżi rispettivi kienu l-istess minn kull aspett, huma sostitwibbli, jitqiegħdu fis-suq fil-Komunità permezz ta' kanali ta' bejgħ kumparabbli u taħt kundizzjonijiet kummerċjali simili u jikkompetu ma' SSF manifatturati fil-Komunità. Għalhekk, u konformi ma' l-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku, huwa kkonfermat li tixraq valutazzjoni kumulattiva ta' l-effetti ta' l-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' *dumping* tal-prodott rispettiv.

(60) Ma ġie ppreżentat l-ebda kumment ieħor dwar l-analiżi tas-sitwazzjoni tas-suq tal-Komunità u, għalhekk, qed jiġu hawnhekk ikkonfermati s-sejbiet stabbiliti fil-premessi (115) sa (126) tar-Regolament proviżorju.

3. Sitwazzjoni ekonomika ta' l-industrija tal-Komunità

(61) Wara l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji, l-ebda kummenti ma ġew ippreżentati dwar il-produzzjoni, il-kapaċità, l-utilizzazzjoni tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, il-prezz tal-bejgħ, is-sehem tas-suq, it-tkabbir, il-ħażniet, l-impjieg, il-produttività, l-iskala tad-*dumping* u l-irkupru minn *dumping* tal-passat ta' l-industrija tal-Komunità. Għalhekk, qed jiġu hawnhekk ikkonfermati s-sejbiet stabbiliti fil-premessi (127) sa (133), (137), (142), (143), (145) u (146) tar-Regolament proviżorju.

3.1 Qligħ

(62) Il-manifatturi Tajlandiżi li jesportaw u li jikkooperaw sostnew li s-sitwazzjoni tal-qligħ tal-manifatturi tal-Komunità fil-kampjun tjiebet u ma rriflettiet l-ebda ħsara. Huma argumentaw ukoll li l-industrija tal-Komunità ma laħqitx il-marġni ta' profitt minimu ta' 5%, meqjus adegwat u li jista' jintlaħaq fin-nuqqas ta' *dumping* minħabba l-investimenti magħmula mill-manifatturi tal-Komunità fil-kampjun, fl-2002 u l-2003. Huma argumentaw ukoll li għandu jiġi injorat il-fatt li l-industrija tal-Komunità bbenefikat minn użu ta' azzar li ma jittebbax bi prezz baxx minħabba li dan għandu jitqies bħala sitwazzjoni normali tas-suq li minnha bbenefikaw l-operaturi kollha.

(63) Għandu jitfakkar, kif stabbilit fil-premessi (149) u (150) tar-Regolament proviżorju, li s-sitwazzjoni tal-qligħ la kienet l-unika fattur, lanqas il-fattur ċentrali, li wriet ħsara fil-każ preżenti. Skond l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, mhux kwalunkwe fattur jew aktar minn fattur wieħed ta' ħsara stabbiliti f'dak l-Artikolu, li neċessarjament jagħtu gwida deċisiva dwar l-istat ta' l-industrija tal-Komunità. L-investimenti kienu meħtieġa biex jibqgħu kompetittivi, kif stabbilit fil-premessa (138) tar-Regolament proviżorju, sabiex l-ebda impatt negattiv fuq il-qligħ ma jista' jiġi attribwit lejn dak l-investiment. Barra minn dan, kif stabbilit fil-premessa (136) tar-Regolament proviżorju, l-effett pożittiv fuq il-qligħ tal-manifatturi tal-Komunità fil-kampjun mill-prezzijiet telgħin ta' l-azzar li ma jittebbax matul il-IP, kien strettament temporanju u kien fattur li seta' għen operaturi ekonomiċi oħra għal perijodu qasir ħafna.

(64) B'hekk, għandha tiġi miċħuda l-allegazzjoni li s-sitwazzjoni tal-qligħ ma tirriflettix ħsara, u jiġu kkonfermati s-sejbiet stabbiliti fil-premessi (134) sa (136) tar-Regolament proviżorju.

3.2. Investimenti, dħul mill-investiment, fluss tal-flus kontanti u l-kapaċità li tkabbar il-kapital

(65) Il-produtturi Tajlandiżi li jesportaw u li jikkooperaw irrimarkaw li l-investimenti li qed jikbru, id-dħul mill-investiment, il-fluss tal-flus kontanti kif ukoll l-kapaċità li tkabbar il-kapital ma ndikaw l-ebda ħsara.

(66) Kif imsemmi fil-premessa (147) tar-Regolament proviżorju, għandu jitfakkar li l-fatturi "investiment" u "kapaċità li tkabbar il-kapital" ma tqisux bħala fatturi li juru ħsara matul il-perijodu eżaminat.

(67) Fir-rigward tad-dħul mill-investiment, madankollu, it-titjib globali matul il-perijodu eżaminat għandu jitqies fil-kuntest ta' (i) in-natura temporanja w eċċezzjonali tas-sitwazzjoni tal-qligħ tal-produtturi tal-Komunità fil-kampjun matul il-IP kif diġà stabbilit fil-premessi (136) u (139) tar-Regolament proviżorju u (ii) iż-żieda fl-użu ta' makkinarju mikri, li ma ġiex ikkunsidrat bħala investiment. Oġġetti kapitali mikrija ma ġewx inklużi fl-investimenti, imma ż-żieda fl-użu tagħhom ikkontribwixxiet għall-profitt magħmul. Dawn iż-żewġ raġunijiet jispjegaw iż-żieda artifiċjalment kbira fid-dħul mill-investiment matul il-IP.

(68) Fir-rigward tal-fluss tal-flus kontanti, jibqa' l-fatt li matul il-perijodu eżaminat l-iżvilupp tiegħu ddeterjora b'36%, u dan jindika b'mod ċar ħsara matul il-perijodu eżaminat. Konsegwentement, għandhom jiġu kkonfermati s-sejbiet stabbiliti fil-premessi (138) sa (141) tar-Regolament proviżorju.

3.3. Pagi

(69) Il-produtturi Tajlandiżi li jesportaw u li jikkooperaw irribattew ukoll li ż-żieda ta' l-10% fl-ispejjeż tax-xogħol għal kull impjegat matul il-perijodu eżaminat ma turix ħsara fil-każ preżenti.

(70) Jitfakkar li l-konklużjoni proviżorja dwar il-ħsara fir-rigward tal-pagi rrikonoxxiet żieda fil-pagi biex tirrifletti premju għal produttività mtejba u kumpens għall-inflazzjoni. Madankollu, il-fatt jibqa' li l-impjiegi naqsu b'5% matul il-perijodu eżaminat, liema tnaqqis kien osservat li hu sinjal ta' ħsara. Konsegwentament, għandhom jiġu kkonfermati s-sejbiet stabbiliti fil-premessa (144) tar-Regolament proviżorju.

3.4. Konklużjoni dwar il-ħsara

(71) Fil-qosor, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi (147) sa (150) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati. Globalment, l-indikaturi tax-xejra negattiva (telf sinifikanti fis-sehem tas-suq, tkabbir, telf fl-impjiegi, titjib mhux sodisfaċenti fil-qligħ/dħul mill-investimenti u fluss tal-flus kontanti) jeċċedu b'mod sinifikanti x-xejriet pożittivi (żieda żgħira fil-produzzjoni u fil-volum tal-bejgħ, tnaqqis fil-ħażniet, investimenti kontinwi, tnaqqis f'termini assoluti fl-ispejjeż tax-xogħol u l-kapaċità li tiġbor il-kapital).

Ġ. KAWŻALITÀ

(72) Il-produtturi Tajlandiżi li jesportaw u assoċjazzjoni ta' l-importaturi ppreżentaw kummenti dwar l-analiżi tal-kawżalità proviżorja fir-rigward ta' ċerti fatturi li huma stabbiliti hawn isfel. Fin-nuqqas ta' kummenti oħra, qed jiġu hawnhekk ikkonfermati s-sejbiet stabbiliti fir-Regolament proviżorju dwar l-effett ta' importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' *dumping* (il-premessa (152) tar-Regolament proviżorju), l-impatt ta' l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra (il-premessi (153) sa (159) tar-Regolament proviżorju) u l-iżvilupp tal-konsum fis-suq tal-Komunità (*recital* (160) tar-Regolament proviżorju).

1. Impatt tar-rati tal-kambju

(73) Il-manifatturi Tajlandiżi li jesportaw u li jikkooperaw, importatur wieħed u l-assoċjazzjoni tiegħu ffukaw fuq l-impatt tad-deprezzament tal-valuta tad-USD meta mqabbel ma' l-Euro, l-aktar matul l-2003, li huma allegaw li ffavorixxa lill-esportazzjonijiet Ċiniżi u Tajlandiżi lejn il-Komunità. B'hekk, huma argumentaw li ta' lanqas, parzjalment, it-tnaqqis fil-prezz u l-effett dannuż konsegwenti fuq l-industrija tal-Komunità m'għandhomx jiġu attribwiti lil prattiċi ta' *dumping* minn esportaturi fir-PRĊ u t-Tajlandja, imma lil dan l-iżvilupp fir-rata tal-kambju (fil-każ tar-PRĊ b'mod partikolari minħabba l-ankraġġ tal-Yuan/USD).

(74) Qabel xejn, huwa nnutat li l-valuti tal-fattura ta' l-operazzjonijiet kollha ta' l-esportazzjoni mill-pajjiżi rispettivi m'humiex magħrufa. Għalhekk, l-effett ta' xi fluttwazzjoni tar-rati tal-kambju ma jistax jiġi vvalutat. Barra minn dan, fir-rigward tal-ħsara, irrispettivament ta' jekk il-prezzijiet baxxi ta' l-importazzjoni jistgħu jkunu forsi minħabba ċaqliq fil-valuta, il-prezzijiet attwali ta' l-importazzjoni matul il-IP huma wżati biex jistabbilixxu l-livell tal-qtugħ fil-prezz u l-impatt sussegwenti fuq l-industrija tal-Komunità. Instab li l-marġni tal-qtugħ fil-prezz kienu sinifikanti (ara l-premessi (125) u (126) tar-Regolament proviżorju).

(75) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, għandu jiġi miċħud l-argument dwar l-effett possibbli taċ-ċaqliq tar-rata tal-kambju.

2. Kompetittività ta' l-industrija tal-Komunità

(76) Il-manifatturi Tajlandiżi li jesportaw issottomettew ukoll li l-ħsara li l-industrija tal-Komunità ġarrbet għandha tiġi attribwita għal nuqqas ta' kompetittività minħabba l-allegati faċilitajiet skaduti ta' produzzjoni.

(77) Madankollu, għandu jitfakkar li l-industrija tal-Komunità dejjem investiet matul il-perijodu eżaminat sabiex tissostitwixxi makkinarju skadut u biex iżżomm faċilitajiet "li jkunu fl-istat l-aktar avvanzat" ta' produzzjoni. B'hekk, ma teżisti l-ebda teknika ta' produzzjoni skaduta u mhux kompetittiva li setgħet kissret ir-rabta kawżali bejn importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' *dumping* mill-pajjiżi rispettivi u l-effetti dannużi tagħhom fuq l-industrija tal-Komunità. Għalhekk l-argument għandu jiġi miċħuda u huma kkonfermati s-sejbiet stabbiliti fil-premessa (161) tar-Regolament proviżorju dwar il-kompetittività ta' l-industrija tal-Komunità.

3. Kundizzjonijiet dwar is-suq tal-Komunità

(78) Il-manifatturi Tajlandiżi li jesportaw u li jikkooperaw sostnew ukoll li l-ħsara setgħet saret minn kundizzjonijiet instabbli fis-suq. F'dan il-kuntest, huma rreferew għaż-żidiet temporanji fil-prezz ta' l-azzar u l-istatura b'saħħitha ta' klijenti kbar.

(79) Huwa nnutat, madankollu, li ż-żidiet temporanji fil-prezz ta' l-azzar ma ħallew l-ebda ħsara fuq il-produtturi tal-Komunità fil-kampjun. Bil-kuntrarju, kienu ta' benefiċċju għalihom billi l-qligħ żdied temporanjament. Fir-rigward ta' l-impatt ta' klijenti kbar, huwa nnutat li kompetizzjoni inġusta fil-forma ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* essenzjalment tikkontribwixxi lejn l-istatura b'saħħitha tagħhom. B'hekk, tista' tiġi osservata rabta diretta bejn l-importazzjonijiet mill-pajjiżi rispettivi u l-komportament ta' l-importaturi/distributuri. Fuq kollox, għalhekk, il-kundizzjonijiet tas-suq tal-Komunità ma kissrux ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li jkunu l-oġġett ta' *dumping* u l-ħsara li ġarrbet l-industrija tal-Komunità.

4. Konklużjoni dwar il-kawżalità

(80) Fil-qosor, apprezzament tal-kummenti t'hawn fuq dwar il-kawżalità u għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessi (151) sa (162) tar-Regolament proviżorju, huwa kkonfermat li l-ebda fattur ieħor ma kiser ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet mill-ħames pajjiżi rispettivi meħudin flimkien u l-ħsara materjali li ġarrbet l-industrija tal-Komunità.

G. INTERESS KOMUNITARJU

(81) Numru ta' importaturi/distributuri u manifatturi Tajlandiżi li jesportaw allegaw li l-miżuri jistgħu ma jkunux fl-interess tal-Komunità.

1. L-impatt tal-miżuri fuq importaturi w utenti

(82) L-importaturi/distributuri rrimarkaw li l-miżuri jkollhom impatt dirett fuq il-marġni tal-profitt tagħhom billi ma jkunux jistgħu jgħaddu l-ispejjeż tal-miżuri lill-klijenti tagħhom permezz ta' prezzijiet ogħla.

(83) Qabel xejn, dawn il-partijiet ma ssostanzjawx l-allegazzjonijiet tagħhom. Barra minn dan, kif intqal diġà fir-Regolament proviżorju, ma teżisti l-ebda indikazzjoni li miżuri ta' *anti-dumping* jqiegħdu l-vijabbiltà ekonomika ta' l-importaturi/distributuri fil-periklu. Barra minn dan, il-marġni tal-profitt kienu, matul il-perijodu eżaminat, sew 'il fuq mill-qligħ ta' l-industrija tal-Komunità. Għalhekk huwa kkonfermat li kull vantaġġ li l-importaturi/distributuri jistgħu jakkwistaw min-nuqqas ta' impożizzjoni ta' miżuri ta' *anti-dumping* huwa megħlub bl-interess ta' l-industrija tal-Komunità li jkollha dawk il-prattiċi ta' kummerċ inġusti u dannużi mill-pajjiżi rispettivi, irrimedjati. Għalhekk is-sejbiet stabbiliti fil-premessi (164) sa (170) tar-Regolament proviżorju għandhom jiġu kkonfermati.

(84) Il-manifatturi Tajlandiżi li jesportaw ikkummentaw li l-impożizzjoni ta' miżuri żżid l-ispejjeż għall-industrija Ewropea tal-karozzi u dan ma jkunx fl-interess tal-Komunità. Madankollu, ma ssostanzjawx dan l-impatt allegat fuq l-utenti. Skond l-informazzjoni disponibbli, jiġifieri r-risposta ta' utent wieħed, manifattur ta' vetturi li jimxu fuq ir-roti, l-impatt ta' miżuri fuq utenti ta' prodotti li jagħmlu użu mill-qfieli ta' l-azzar (utenti *downstream*) ikun negliġibbli. Għalhekk għandhom jiġu kkonfermati s-sejbiet stabbiliti fil-premessi (173) u (174) tar-Regolament proviżorju dwar l-interessi ta' l-utenti u l-konsumaturi.

2. Konklużjoni

(85) Wara li ġew eżaminati l-interessi varji involuti, huwa kkonfermat għar-raġunijiet mogħtija fil-premessi (163) sa (175) tar-Regolament proviżorju, li minn perspettiva globali ta' l-interess tal-Komunità, l-ebda interess ma hu akbar mill-interess ta' l-industrija tal-Komunità li jkun hemm miżuri ta' *anti-dumping* imposti bil-għan li jiġu eliminati l-effetti li jgħawwġu l-kummerċ li jirriżultaw minn importazzjonijiet li jkunu l-oġġett ta' *dumping*.

H. MIŻURI DEFINITTIVI TA' *ANTI-DUMPING*

(86) Minħabba l-konklużjonijiet milħuqa fir-rigward tad-*dumping*, il-ħsara, il-kawżalità u l-interess tal-Komunità, jitqies xieraq li jiġu imposti miżuri definittivi ta' *anti-dumping* sabiex tinżamm milli ssir aktar ħsara lill-industrija tal-Komunità bl-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' *dumping*. Għall-fini biex jiġi ddeterminat il-livell ta' dawn il-miżuri, ingħata konsiderazzjoni lill-marġni tad-*dumping* li nstabu matul il-IP u ta' l-ammont ta' dazju meħtieġ biex tiġi eliminata l-ħsara li ġarrbet l-industrija tal-Komunità.

1. Livell ta' eliminazzjoni tal-ħsara

(87) Iż-żieda meħtieġa fil-prezz biex telimina l-ħsara kienet iddeterminata kumpannija b'kumpannija, billi ġie mqabbel il-prezz medju u ppeżat ta' l-importazzjoni tal-prodott rispettiv mal-prezz mhux inġurjuż tal-prodott simili mibjugħ mill-industrija tal-Komunità fis-suq tal-Komunità. Id-differenza fil-prezz kienet imfissra bħala perċentwali tal-valur ta' l-importazzjoni CIF.

(88) Il-prezz mhux dannuż inkiseb billi ttieħdet l-ispiża ppeżata tal-produzzjoni ta' l-industrija tal-Komunità flimkien ma' marġni ta' profitt ta' 5%. Fin-nuqqas ta' kummenti, dan il-marġni ta' profitt huwa kkonfermat li huwa dak li l-industrija tal-Komunità setgħet tagħmel fin-nuqqas ta' importazzjonijiet li jkunu l-oġġett ta' *dumping*. Huwa jirrifletti l-marġni ta' profitt li jsir fil-każ ta' gruppi ta' prodotti simili ta' l-industrija tal-Komunità mhux suġġetti għal kompetizzjoni inġusta, e.ż. qfieli li ma jaqgħux taħt il-kodiċijiet NM ta' l-iskop tal-prodott ta' l-investigazzjoni preżenti.

2. Forma u livell tad-dazju

(89) Fid-dawl tal-preċedenti, jitqies li, skond l-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, għandu jiġi impost dazju definittiv ta' *anti-dumping* fuq importazzjonijiet ta' SSF mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, l-Indoneżja, it-Tajwan, it-Tajlandja u l-Vjetnam.

(90) Fir-rigward tal-livell tad-dazju, fil-każ ta' żewġ produtturi li jesportaw u li jikkooperaw (wieħed fit-Tajwan u wieħed fir-PRĊ), instab li l-livell ta' eliminazzjoni tal-ħsara kien anqas mill-marġni tad-*dumping*. F'dawn il-każijiet, il-livell tad-dazju għandu jkun ristrett għal-livell ta' eliminazzjoni tal-ħsara. Fil-każijiet l-oħra kollha, il-livell tad-dazju għandu jkun stabbilit skond il-livell tal-marġni tad-*dumping* misjub skond l-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku.

(91) Skond dan t'hawn fuq, ir-rati definittivi ta' dazju għandhom ikunu kif ġej:

Pajjiż	Manifattur li jesporta	Rata tad-dazju AD
Ir-PRĊ	Tengzhou Tengda Stainless Steel Product Co., Ltd, Tengzhou City	11,4%
	Tong Ming Enterprise (Jiaxing) Co. Ltd., Zhejiang	12,2%
	Il-kumpanniji l-oħra kollha	27,4%
L-Indoneżja	PT. Shye Chang Batam Indonesia, Batam	9,8%
	Il-kumpanniji l-oħra kollha	24,6%
It-Tajwan	Arrow Fasteners Co. Ltd., Taipei	15,2%
	Jin Shing Stainless Ind. Co. Ltd, Tao Yuan	8,8%
	Min Hwei Enterprise Co. Ltd, Pingtung	16,1%
	Tong Hwei Enterprise, Co. Ltd., Kaohsiung	16,1%
	Yi Tai Shen Co. Ltd., Tainan	11,4%
	Manifatturi li jesportaw u li jikkooperaw mhux inklużi fil-kampjun	15,8%
	Il-kumpanniji l-oħra kollha	23,6%

It-Tajlandja	A.B.P. Stainless Fasteners Co. Ltd., Ayutthaya	11,1%
	Bunyat Industries 1998 Co. Ltd, Samutsakorn	10,8%
	Dura Fasteners Company Ltd., Samutprakarn	14,6%
	Siam Screws (1994) Co. Ltd., Samutsakorn	11,0%
	Il-kumpanniji l-oħra kollha	14,6%
Il-Vjetnam	Il-kumpanniji kollha	7,7%

(92) Il-produtturi Tajlandiżi li jesportaw ġibdu l-attenzjoni lejn l-Artikolu 15 tal-Ftehim tal-WTO dwar l-*anti-dumping*, li jistabbilixxi li għandha tingħata attenzjoni speċjali lejn is-sitwazzjoni speċjali ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw meta titqies l-impożizzjoni ta' miżuri ta' *anti-dumping*. Madankollu, ma kienx issostanzjat li l-każ eżaminat jaffettwa l-interessi essenzjali tat-Tajlandja, kif stipulat b'din id-dispożizzjoni. F'dawn iċ-ċirkostanzi, jitqies xieraq li jiġi impost dazju ta' *anti-dumping* fuq importazzjonijiet mit-Tajlandja skond ir-rati hawn fuq imsemmija.

(93) Ir-rati ta' dazju ta' *anti-dumping* ta' kumpanniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament kienu stabbiliti skond is-sejbiet ta' l-investigazzjoni preżenti. Għalhekk, huma jirriflettu s-sitwazzjoni li nstabet matul dik l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpanniji. B'hekk dawn ir-rati ta' dazju (bil-kuntrarju tad-dazju applikabbli fil-pajjiż kollu lill-"kumpanniji l-oħra kollha") japplikaw esklużivament għal importazzjonijiet ta' prodotti li joriġinaw fil-pajjiżi rispettivi u manifatturati mill-kumpanniji u b'hekk mill-entitajiet legali speċifiċi msemmija. Il-prodotti mpurtati manifatturati minn kull kumpannija oħra u mhux imsemmija speċifikament b'isimha fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi entitajiet relatati ma' dawk imsemmija speċifikament, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u għandhom ikunu suġġetti għar-rata ta' dazju li tapplika għall-"kumpanniji l-oħra kollha".

(94) Kull talba għall-applikazzjoni ta' dawn ir-rati ta' dazju ta' *anti-dumping* ta' kumpanniji individwali (e.ż. wara bidla fl-isem ta' l-entità jew wara t-twaqqif ta' entitajiet ġodda ta' produzzjoni jew bejgħ) għandha tiġi indirizzata mill-ewwel lill-Kummissjoni[1] bl-informazzjoni kollha relevanti, b'mod partikolari kull modifika fl-attivitajiet tal-kumpannija marbutin mal-produzzjoni, il-bejgħ domestiku u għall-esportazzjoni assoċjat ma', per eżempju, dik il-bidla fl-isem jew dik il-bidla fl-entitajiet tal-produzzjoni u bejgħ. Jekk ikun f'loku li jsir hekk, ir-Regolament imbagħad jiġi skond hekk emendat billi tiġi aġġornata l-lista tal-kumpanniji li jibbenefikaw minn rati ta' dazju individwali.

---

[1] Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ, Direttorat B, J-79 5/17, rue de la Loi/Wetstraat 200, B-1049 Brussell.

3. Ġbir ta' dazju proviżorju

(95) Minħabba l-kobor tal-marġni tad-*dumping* li nstabu u fid-dawl tal-livell tal-ħsara kkawżata lill-industrija tal-Komunità, jintqies meħtieġ li l-ammonti żgurati permezz tad-dazju proviżorju ta' *anti-dumping* impost bir-Regolament proviżorju, jiġifieri r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 771/2005, jinġabru definittivament sa l-ammont tad-dazju impost definittivament bir-Regolament preżenti. Għal manifatturi li jesportaw li r-rata tagħhom ta' dazju definittiv hija anqas mid-dazju proviżorju, għandhom jiġu rilaxxati l-ammonti żgurati proviżorjament li jeċċedu d-dazju definittiv.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Qed jiġi hawnhekk impost dazju definittiv ta' *anti-dumping* fuq importazzjonijiet ta' ċerti qfieli ta' l-azzar li ma jittebbax u partijiet tagħhom, li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7318 12 10, 7318 14 10, 7318 15 30, 7318 15 51, 7318 15 61 u 7318 15 70 u li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, l-Indoneżja, it-Tajwan, it-Tajlandja u l-Vjetnam.

2. Ir-rata ta' dazju definittiv ta' *anti-dumping* applikabbli għall-prezz nett, b'xejn fil-fruntiera tal-Komunità, qabel ma jitħallas id-dazju, għall-prodotti manifatturati mill-manifatturi mit-Tajwan li jesportaw imniżżla fl-Anness għandha tkun 15,8% (kodiċi TARIC addizzjonali A649).

3. Ir-rata ta' dazju definittiv ta' *anti-dumping* applikabbli għall-prezz nett, b'xejn fil-fruntiera tal-Komunità, qabel ma jitħallas id-dazju, għal prodotti manifatturati mill-kumpanniji indikati hawn isfel għandhom ikunu kif ġej:

Pajjiż	Produttur li jesporta	Rata ta' dazju (%)	Kodiċi TARIC addizzjonali
Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina	Tengzhou Tengda Stainless Steel Product Co., Ltd, Tengzhou City	11,4	A650
	Tong Ming Enterprise (Jiaxing) Co. Ltd., Zhejiang	12,2	A651
	Il-kumpanniji l-oħra kollha	27,4	A999
L-Indoneżja	PT. Shye Chang Batam Indonesia, Batam	9,8	A652
	Il-kumpanniji l-oħra kollha	24,6	A999
It-Tajwan	Arrow Fasteners Co. Ltd., Taipei	15,2	A653
	Jin Shing Stainless Ind. Co. Ltd, Tao Yuan	8,8	A654
	Min Hwei Enterprise Co. Ltd, Pingtung	16,1	A655
	Tong Hwei Enterprise, Co. Ltd., Kaohsiung	16,1	A656
	Yi Tai Shen Co. Ltd., Tainan	11,4	A657
	Il-kumpanniji kollha minbarra dawn t'hawn fuq u dawk imniżżla fl-Anness	23,6	A999

It-Tajlandja	A.B.P. Stainless Fasteners Co. Ltd., Ayutthaya	11,1	A658
	Bunyat Industries 1998 Co. Ltd, Samutsakorn	10,8	A659
	Dura Fasteners Company Ltd., Samutprakarn	14,6	A660
	Siam Screws (1994) Co. Ltd., Samutsakorn	11,0	A661
	Il-kumpanniji l-oħra kollha	14,6	A999
Il-Vjetnam	Il-kumpanniji kollha	7,7	-

4. Sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji tad-dwana.

Artikolu 2

L-ammonti żgurati permezz tad-dazju proviżorju ta' *anti-dumping* bis-saħħa tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 771/2005 li jimponi dazju ta' *anti-dumping* fuq importazzjonijiet ta' ċerti qfieli ta' l-azzar li ma jittebbax u partijiet tagħhom, li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7318 12 10, 7318 14 10, 7318 15 30, 7318 15 51, 7318 15 61 u 7318 15 70 li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, l-Indoneżja, it-Tajwan, it-Tajlandja u l-Vjetnam, għandhom jingabru definittivament, skond ir-regoli stabbiliti hawn isfel. L-ammonti żgurati li jaqbżu r-rati definittivi tad-dazju ta' *anti-dumping* għandhom jiġu rilaxxati.

Artikolu 3

Il-proċediment dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti qfieli ta' l-azzar li ma jittebbax u partijiet tagħhom li joriġinaw fil-Malasja u l-Filippini qiegħed hawnhekk jintemm.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak li fih jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussell, 14 ta' Novembru 2005.

Għall-Kunsill
Il-President
T. JOWELL

ANNESS

(Kodiċi TARIC addizzjonali A649)

A-STAINLESS INTERNATIONAL CO LTD, Taipei
BOLTUN CORPORATION, Tainan
CHAEN WEI CORPORATION, Taipei
CHIAN SHYANG ENT CO LTD, Chung-Li City
CHONG CHENG FASTENER CORP., Tainan
DIING SEN FASTENERS & INDUSTRIAL CO LTD, Taipei
DRAGON IRON FACTORY CO LTD, Kaohsiung
EXTEND FORMING INDUSTRIAL CORP. LTD, Lu Chu
FORTUNE BRIGHT INDUSTRIAL CO LTD, Lung Tan Hsiang
FWU KUANG ENTERPRISES CO LTD, Tainan
HSIN YU SCREW ENTERPRISE CO LTD, Taipin City
HU PAO INDUSTRIES CO LTD, Tainan
J C GRAND CORPORATION, Taipei
JAU YEOU INDUSTRY CO LTD, Kangshan
JOHN CHEN SCREW IND CO LTD, Taipei
KUOLIEN SCREW INDUSTRIAL CO LTD, Kwanmiao
KWANTEX RESEARCH INC, Taipei
LIH LIN ENTERPRISES & INDUSTRIAL CO LTD, Taipei
LIH TA SCREW CO LTD, Kweishan

LU CHU SHIN YEE WORKS CO LTD, Kaohsiung
M & W FASTENER CO LTD, Kaoshsiung
MULTI-TEK FASTENERS & PARTS MANIFACTURER CORP., Tainan
NATIONAL AEROSPACE FASTENERS CORP., Ping Jen City
QST INTERNATIONAL CORP., Tainan
SEN CHANG INDUSTRIAL CO LTD, Ta-Yuan
SPEC PRODUCTS CORP., Tainan
SUMEEKO INDUSTRIES CO LTD, Kaoshiung
TAIWAN SHAN YIN INTERNATIONAL CO LTD, Kaohsiung
VIM INTERNATIONAL ENTERPRISE CO LTD, Taichung
YEA-JANN INDUSTRIAL CO LTD, Kaohsiung
ZONBIX ENTERPRISE CO LTD, Kaohsiung
ZYH YIN ENTERPRISE CO LTD, Kaohsiung